Vehicles found in contravention to this notice will be subject to towing.

13th June, 2008

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 38 ta' l-2008

Qsim bil-Kajjikki bejn Marsalforn, Għawdex u Pozzallo, Sqallija

Il-Wishbone Solidarity Group se jorganizza avveniment ta' qsim bil-kajjikki bejn Marsalforn, Għawdex, Malta u Pozzallo, Sqallija, biex jgħinu lill-Malta Cancer Foundation.

Jekk it-temp jippermetti, il-qsim bil-kajjikki se jitlaq mill-Bajja ta' Marsalforn, Għawdex f'*Gozo Latitude 36° 04.50'* T, *Longitude 014° 15.60'* L nhar il-Ġimgħa 27 ta' Ġunju, 2008 mit-3.00 a.m. u mistennija jdum bejn 20 u 22 siegħa. Meta jitilqu minn Marsalforn għandhom isegwu rotta 036 *degrees true* Tramuntana għal Pozzallo, Sqallija *36° 43.60' N Longitude 014° 50.70' E.* Fil-każ ta' maltemp, l-avveniment jiġi pospost għall-ġimgħa ta' wara, jiġifieri nhar il-Ġimgħa, l-4 ta' Lulju, 2008.

Għaxar jottijiett bil-qlugħ se jkunu jgħinu lil dawk bil-kajjikk. Il-bastiment li se jkun jikkordina dan l-avveniment se jkun l-M/Y Sandy Three, li se jkun jisma' fuq channel 72.

Baħħara li jkun jaqsmu l-fliegu bejn Malta u Sqallija fid-data msemmija hawn fuq bejn 0100 hrs UTC u 2300 hours UTC huma mitluba biex joqogħdu attenti għal dawk bil-kajjikki, megħjuna mill-jottijiet bil-qlugħ. Għandhom iżommu 'l bogħod mill-kajjikki meta jilmħuhom.

Charts affettwati BA Chart 165, 2124, 4301, 4302.

It-13 ta' Ġunju, 2007

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No 38 of 2008

Kayak Crossing from Marsalforn, Gozo, to Pozzallo, Sicily

The Wishbone Solidarity Group is organizing a kayak crossing event between Marsalforn Gozo Malta to Pozzallo, Sicilly, in aid of the Malta Cancer Foundation.

Weather permitting the Kayak Crossing will depart from Marsalforn Bay in Gozo Latitude 36° 04.50' N, Longitude 014°15.60' E on Friday 27th June 2008 at 3.00 a.m. and is expected to last between 20 and 22 hours. Upon leaving Marsalforn Bay they will follow a course of 036 degrees true North for Pozzallo Sicily 36° 43.60' N longitude 014° 50.70' E. In case of adverse weather the event will be transferred for the following week, that is Friday, 4th July 2008.

The Kayakers will be assisted by about 10 Sailing Yachts. The coordinating vessel for this event will be the M/Y Sandy Three, who will be listening on channel 72.

Mariners transiting the Malta/Sicily channel on the above mentioned date between 0100 Hrs UTC and 2300 hours UTC are requested to keep a sharp lookout for the Kayakers, assisted by the Sailing Yachts. They are to give a wide berth to the Kayakers when sighted.

Chart affected BA Chart 165, 2124, 4301, 4302

13th June, 2008

OĠĠETTI MISJUBA U KKONSENJATI LILL-PULIZIJA

Din li ġejja hija lista ta' oġġetti misjuba u kkonsenjati lill-Pulizija f'Għawdex skond l-artikolu 564 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16.

Uffiċċju Prinċipali tal-Pulizija
Il-Furjana.

John Rizzo
Kummissarju tal-Pulizija.

Lista ta' oġġetti misjuba u kkonsenjati lill-Pulizija f'Għawdex matul il-perjodu Lulju sa Diċembru 2007.

DATA	DESKRIZZJONI TA' L-OĠĠETTI	ISEM TA' MIN SAB L-OĠĠETTI
02.07.07	Flus	Salvina Mercieca
09.07.07	Ġiżirana ta' metall isfar bl-i*stones*	George Borg
10.07.07	Flus	George Cefai
11.07.07	*Mobile phone*	Michelle Frascogna
12.07.07	Flus	Joseph Grech
17.07.07	Arloġġ ta' l-idejn tan-nisa ta' metall abjad/isfar	Ian William Sumler
17.07.07	Portmoni bil-*camera* u *make up*	Joseph Cini
17.07.07	Portmoni bil-flus u dokumenti personali	Melfyn Wyn Jones
17.07.07	*Mobile phone*	Ian Hay Thompson Brown
19.07.07	Katina ta' metall isfar u pendent	Doreen Attard
26.07.07	Portmoni bil-flus, *visa card* u dokumenti personali	George Emanuel Saguna
30.07.07	Arloġġ ta' metall abjad	Charles Fredrick Nelson
30.07.07	Portmoni bil-flus u dokumenti personali	Karistu Sultana
02.08.07	*Digital camera*	Manuel Spiteri
02.08.07	Flus	Nicolina Schembri
03.08.07	Flus	John Meilaq
07.08.07	*Mobile phone*	Joseph Muscat
09.08.07	Kartiera bil-flus u dokumenti personali	Mary Axiaq
13.08.07	Portmoni bil-flus	Frank Camilleri
13.08.07	*Haversack* bil-mobile phone	Tarsilla Axiaq
22.08.07	Ċurkett ta' metall isfar	Theresa Xerri
23.08.07	Flus	Louis Carnemolla
24.08.07	Flus	Josienne Mifsud
24.08.07	*Pouch* bil-*mobile phone* u nuċċali tax-xemx tat-tfal	Tarsilla Axiaq
27.08.07	*Mobile phone*	Michael Grech
27.08.07	Flus	Manuel Mercieca
03.09.07	Kamera	Mario Montebello
24.09.07	Arloġġ ta' l-idejn	John Saliba
17.10.07	Kamera	Ruth Meilaq
26.10.07	Flus	Carmelo Grima
08.11.07	*Mobile phone*	Tony Cauchi
05.12.07	Flus	Theresa Debono
24.12.07	Flus	Maria Dolores Cutajar
26.12.07	Kartiera (tan-nisa) u flus	Toni Mercieca

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Post ta' Deputat Direttur fid-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili fil-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Deputat Direttur fid-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili.

2. Il-post ta' Deputat Direttur fid-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili li bħalissa għandu salarju ta' €19,528 (Lm8,383.37) fis-sena, li jiżdied b'żidiet ta' €640.50 (Lm274.97) fis-sena sa massimu ta' €23,371 (Lm10,033.17) (Skala ta' Salarju 5).

3. Il-ħatra li tkun bi prova għal sena, hija *full time* u taqa' taħt ir-regoli li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u fid-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

4. Id-dmirijiet ta' Deputat Direttur fid-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili jinkludu li:

a) jipprovdi preparamenti f'każ ta' diżastru billi jidentifika żoni u sitwazzjonijiet f'Malta fejn jista' jseħħ diżastru u jħejji u jaġġorna kontinwament pjanijiet ta' emerġenza relatati;

b) jikkoordina pjanijiet ma' aġenziji oħra, ma' Kunsilli Lokali, ma' għaqdiet volontarji, eċċ;

ċ) flimkien ma' *managers* oħra jmexxi ċ-Ċentru ta' Operazzjoni;

d) jippromwovi l-għarfien dwar diżastri;

e) iħaddem pjani u sistemi ta' twissija u jinforma lill-uffiċjali u aġenziji involuti dwar tħejjija għal wara xi diżastru;

f) jipprovdi għajnuna u jiġbor u janalizza informazzjoni;

ġ) jirrappreżenta lid-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili f'kumitati, konferenzi u laqgħat, kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta, skond kif indikat lilu mid-Direttur tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili;

ħ) jassisti skond il-ħtieġa lid-Direttur tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili.

5.1 Fil-ħin u d-data ta' l-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjoni l-applikanti għandhom:

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Post of Deputy Director in the Department of Civil Protection within the Ministry for Justice and Home Affairs

The Public Service Commission invites applications for the filling of the post of Deputy Director in the Department of Civil Protection.

2. The post of Deputy Director in the Department of Civil Protection, currently carries a salary of €19,528 (Lm8,383.37) per annum, rising by annual increments of €640.50 (Lm274.97) up to a maximum of €23,371 (Lm10,033.17) (Salary Scale 5).

3. The appointment, which is subject to a probationary period of one year, is on a full-time basis and is subject to any rules governing from time to time the Malta Public Service and the Department of Civil Protection and involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

4. The duties of Deputy Director in the Department of Civil Protection include:

a) providing for disaster preparedness by identification of potential disaster areas and situations in Malta and prepare and continually update related emergency plans;

b) co-ordinating plans with other agencies, local councils, voluntary organizations etc;

c) the jointly running of the Operations Centre with other Managers;

d) promoting disaster awareness;

e) activating plans and warning systems and notify officials and agencies involved with regards to post-disaster preparedness;

f) providing assistance and collect and analyse information;

g) representing the Department in committees, conferences and meetings, locally and abroad, as instructed by Director of Civil Protection Department;

h) assisting the Director Civil Protection Department as necessary.

5.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must:

a) ikunu ċittadini ta' Malta;

b) i) ikollhom lawrja ta' wara l-gradwazzjoni rikonoxxuta u xierqa (i.e. *Masters)* flimkien ma' 3 snin esperjenza relevanti (sena minnhom trid tkun f'pożizzjoni maniġerjali); jew

ii) ikollhom lawrja rikonoxxuta u xierqa flimkien ma' 5 snin esperjenza relevanti, (sena minnhom trid tkun f'pożizzjoni maniġerjali); jew

iii) ikunu Uffiċjali Pubbliċi fis-Servizz Pubbliku ta' Malta fi Skala mhux inqas minn Skala 7 li għandhom tmien snin esperjenza relevanti (sena minnhom trid tkun f'pożizzjoni maniġerjali); jew

iv) ikunu servew f'livell ta'*middle management* (mhux inqas minn Skala 7) f'Korp Dixxiplinat għal mhux anqas minn għaxar snin.

ċ) ikollhom għarfien tajjeb ta' ħiliet ta' tmexxija u komunikazzjoni;

d) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47), filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz iridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern ta' Malta, u jagħtu d-dettalji).

5.2 Kunsiderazzjoni xierqa tingħata lil min juri evidenza li għandu/għandha esperjenza fil-protezzjoni ċivili.

6.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil minn-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

6.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi ndirizzata lid-dipartiment riċeventi u tkun ikkupjata lill-KNPD.

7.1. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, illi kopja

a) be citizens of Malta;

b) i) be in possession of a recognized, and appropriate Post-Graduate qualification (i.e. Masters) plus 3 years relevant experience (one of which in a management position); or

ii) be in possession of a recognized, and appropriate first Degree plus 5 years relevant experience (one of which in a management position); or

iii) be Public Officers in the Malta Public Service not below Scale 7 who have eight years relevant experience (one of which in a management position); or

iv) have served at a middle management level (not below scale 7) in a disciplined force for at least ten years.

c) possess sound management and communications skills;

d) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); those applying from outside the service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service giving details).

5.2 Due consideration will be given to applicants who can prove experience in civil protection.

6.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

6.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the receiving department and copied to the NCPD.

7.1. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which

tagħhom għandha tkun jew mehmuża ma' l-applikazzjoni jew jintbagħtu separatament lid-Dipartiment konċernat mhux aktar tard minn għaxart ijiem ta' xogħol mid-data ta' l-għeluq. Kopji mgħoddija bl-i*scanner* huma aċċettabbli.

7.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

7.3. Hija r-responsabiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/istituzzjonijiet terzjarji, li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa mill-Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u *Sport* jew l-awtorità kompetenti, skond il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti, lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data ta' l-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

8.1. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

8.2. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-Public Service Management Code għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tar-rizultat.

9. Il-persuna magħżula trid:

i. tilbes uniformi, u
ii. taħdem sigħat flessibli u rregolari li jinkludu Ħdud u festi pubbliċi.

10. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li hija adatta għal dan il-post.

11. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites:*
http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf
jew jinkisbu mill-Ministeru għall-Ġustizzja u l-Intern, House of Catalunya, Triq Marsamxett, Valletta.

12. L-applikazzjonijiet jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Ġustizzja u l-Intern, House of Catalunya, Triq Marsamxett, Valletta sa mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin ta' l-Ewropa Ċentrali) ta' nhar il-Ġimgha, 11 ta' Lulju 2008.

13. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar ta' nhar (Ħin ta' l-Ewropa Ċentrali) il-Ġimgha, 11 ta' Lulju

should either be attached to the application or sent separately to the receiving Department by not later than ten (10) working days from the closing date. Scanned copies sent electronically are acceptable.

7.2. Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

7.3. It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Culture, Youth and Sport or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications.

8.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

8.2. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of the result.

9. The selected applicant must:

i. Wear uniform apparel as instructed; and
ii. Work flexible and irregular hours including Sundays and Public Holidays.

10. The selected applicant will be medically examined to ascertain that he/she is fit for the post.

11. Application forms may either be downloaded from the following websites:
http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf
or obtained from the Ministry for Justice and Home Affairs, House of Catalunya, Marsamxetto Road, Valletta.

12. Applications will be received in the first instance by the Director Corporate Services, Ministry for Justice and Home Affairs, House of Catalunya, Marsamxetto Road, Valletta, by not later than noon (Central European Time) of Friday, 11th July 2008.

13. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon (Central European Time) of Friday, 11th July 2008 may be considered provided that all

2008 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand il-Ministeru għall-Ġustizzja u l-Intern mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tal-Ministeru riċeventi hu +356-21245392.

14. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sal-Ministeru għall-Ġustizzja u l-Intern. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Il-Ministeru għall-Ġustizzja u l-Intern jibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

It-13 ta' Ġunju, 2008

requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Ministry for Justice and Home Affairs by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Ministry is +356 - 21245392.

14. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Ministry for Justice and Home Affairs and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead line. The applications will be acknowledged in writing by the Ministry for Justice and Home Affairs within seven days.

13th June, 2008

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA

Postijiet fil-*Physical Oceanography Unit* tal-*IOI-MOC Operational Centre (IOI-MOC)*

Min jinħatar ikun mistenni jikkontribwixxi fit-tagħlim, riċerka u attivitajiet oħra fil-*Physical Oceanography Unit* tal-*IOI-MOC Operational Centre (IOI-MOC),* u kif ikun meħtieġ mill-Università.

2. Il-kandidati jrid ikollhom ta' l-anqas *first degree* tajjeb fil-Fiżika, Xjenzji fil-Ġeografija jew fix-Xjenza tal-Kompjuter, Intelliġenza Artifiċjali, jew dixxiplina relatata. Il-kandidati ideali jrid ikollhom kwalifiki/ħiliet f'suġġetti relatati, bħal *data management, numerical modelling* u xjenza fl-oċeanografija u xjenza marittima in ġenerali. Preferenza tingħata lil dawk il-kandidati li għandhom, jew li ħa jiksbu *degree* fil-*postgraduate* f'xi qasam ta' speċjalizzazzjoni msemmija hawn fuq. Esperjenza fl-oqsma msemmija u proġetti tar-riċerka Ewropew tkun ikkunsidrata bħala vantaġġ.

3. Il-ħatra tista' ssir fil-grad ta' Lettur, jekk il-kandidati jissodisfaw ir-rekwiżiti statutorji għal ħatra f'dawn il-gradi. Madanakollu, ħatra fil-grad ta' Assistent Lettur tista' tiġi offruta bil-kundizzjoni li il-kandidat iġib id-*degree* fil-Ph.D. jew D.Phil fi żmien stipulat.

Is-salarji marbuta mal-gradi rispettivi huma:

Lettur €21,449 (Lm9,208) li jiżdied b'*increments* ta' €641 (Lm275) fis-sena għal €23,371 (Lm10,033).

Assistent Lettur €20,044 (Lm8,605) li jiżdied b'*increments* ta' €596 (Lm256) fis-sena għal €21,833 (Lm9,373).

UNIVERSITY OF MALTA

Posts in the Physical Oceanography Unit of the IOI-Malta Operational Centre (IOI-MOC)

The appointees will be required to participate in the teaching, research and other activities of the Physical Oceanography Unit of the IOI-Malta Operational Centre (IOI-MOC), and as may be required by the University.

2. Candidates should at least possess a good first degree in Physics, Geophysical sciences or Computer Science, Artificial Intelligence, or a related discipline. The ideal candidates would also possess qualifications/skills in related subjects, such as in data management, numerical modelling, oceanography and the marine sciences in general. Preference will be given to candidates who possess, or who are about to obtain a postgraduate degree in any of the areas of specialisation mentioned above. Prior experience in the requested fields of activity and in European research project implementation will be considered an asset.

3. The appointment may be made at grade of Lecturer, if there are candidates who satisfy the statutory requirements for appointment at this grade. However appointment at Assistant Lecturer grade may also be offered on the condition that the appointee completes a Ph.D. or D.Phil degree within a stipulated period.

The salaries attached to the respective grades are:

Lecturer €21,449 (Lm9,208) rising by annual increments of €641 (Lm275) to €23,371 (Lm10,033)

Assistant Lecturer €20,044 (Lm8,605) rising by annual increments of €596 (Lm256) to €21,833 (Lm9,373).

4. Il-kandidati għandhom jibagħtu ittra ta' l-applikazzjoni, sitt kopji tal-*curriculum vitae*, kopja waħda taċ-ċertifikati u tlett ismijiet u indirizzi ta' *referees* lid:-

Direttur għat-Tmexxija u l-Iżvilupp
tar-Riżorsi Umani
Kamra 217, Uffiċċji Amministrattivi
l-Università ta' Malta
Msida, MSD 2080

L-applikazzjonijiet jintlaqgħu mhux aktar tard minn nofsinhar mill-Ġimgħa, 27 ta' Ġunju 2008.

Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

5. Aktar tagħrif jista' jinkiseb mill-Uffiċċju għat-Tmexxija u l-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani, Kamra 217, Uffiċċji Amministrattivi u mill-*website*: http://www.um.edu.mt/hrmd/vacancies

It-13 ta' Ġunju, 2008

4. Candidates should submit their letter of application, six copies of their curriculum vitae, one set of copies of their certificates and names and addresses of three referees to:-

The Director for Human Resources Management
and Development
Room 217, Administration Building
University of Malta
Msida, MSD 2080

Applications should be received by not later than noon of Friday, 27th June 2008.

Late applications will not be considered.

5. Further information may be obtained from the Office for Human Resources Management and Development, Administration Building, Room 217, or from the website: http://www.um.edu.mt/hrmd/vacancies

13th June, 2008

UNIVERSITÀ TA' MALTA

Post ta' Uffiċjal Tekniku II
(Technical Construction/Draughtsman)
Estate and Works

L-*Estate and Works* irid jimpjega Uffiċjal Tekniku II *full-time* (*Technical Construction/Draughtsman*) biex jgħin lill-Manager ta' l-*Estate* fil-preparazzjoni tad-disinni ta' l-arkitettura u dokumenti ta' l-offerti u jgħin fl-organizzazzjoni tad-dokumentazzjoni relatata mal-immaniġġar tal-bini ta' l-Università.

2. Il-kandidati jrid ikollhom ċertifikat tekniku fid-*draughtmanship* (*Civil*) mill-MCAST jew diploma nazzjonali fil-B.Tech fil-kostruzzjoni jew ekwivalenti. Irid ikollhom 3 snin esperjenza f'xogħol simili. Irid ikunu jafu tajjeb ta' l-applikazzjoni tal-CAD u MS office, preferibbilment ukoll fil-Microsoft Project. Irid ikunu jafu u jkollhom esperjenza fuq xogħol fil-preparazzjoni tal-grafika 3D u jafu tajjeb it-teknoloġija tal-kostruzzjoni. Iridu juru wkoll li huma kapaċi jaħdmu f'tim u li għandhom ħiliet fil-komunikazzjoni.

3. Is-salarju marbut ma' dan il-post huwa ta' €17,077 (Lm7,331) b'żidiet ta' €487 (Lm209.07) fis-sena sa massimu ta' €19,998 (Lm8,585).

4. Il-kandidati għandhom jibagħtu ittra ta' l-applikazzjoni, sitt kopji tal-*curriculum vitae*, kopja waħda taċ-ċertifikati u tliet ismijiet u indirizzi ta' *referees* lid-

UNIVERSITY OF MALTA

Post of Technical Officer II
(Construction Technical/Draughtsman)
Estate and Works

The Estates and Works Office seeks to employ a full time Technical Officer II (Construction Technician/Draughtsmen) to assist the Estates Manager in the preparation of architectural drawings and tender documents and to assist in the organisation of documentation related to the University buildings management.

2. Applicants should be in possession of an MCAST technical certificate in draughtsmanship (Civil) or a B.Tech national diploma in construction or equivalent. They must have minimum 3 years relevant work experience. They should possess a high proficiency and work knowledge of CAD and MS office applications, preferably also in Microsoft Project. They should preferably have knowledge of and/or work experience in the preparation of 3D graphics and possess a sound working knowledge of construction technology. They should also demonstrate that they can be a team player and possess good interpersonal communication skills.

3. The salary attached to the post is €17,077 (Lm7,331) rising by annual increments of €487 (Lm209.07) up to a maximum of €19,998 (Lm8,585).

4. Candidates should submit their letter of application, six copies of their curriculum vitae, one set of copies of their certificates and names and addresses of three referees to the:

Direttur għat-Tmexxija u l-Iżvilupp
tar-Riżorsi Umani
Kamru 217, Uffiċċji Amministrattivi
l-Università ta' Malta
Msida, MSD 2080

L-applikazzjonijiet jintlaqgħu mhux aktar tard minn nofsinhar tal-Ġimgħa, 27 ta' Ġunju 2008.

Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

5. Aktar tagħrif jista' jinkiseb mill-Uffiċċju għat-Tmexxija u l-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani, Kamra 217, Uffiċċji Amministrattivi u mill-*website*: http://www.um.edu.mt/hrmd/vacancies.

It-13 ta' Ġunju, 2008

Director for Human Resources Management
and Development
Room 217, Administration Building
University of Malta
Msida, MSD 2080

Applications should be received by not later than noon of Friday, 27th June 2008.

Late applications will not be considered.

5. Further information may be obtained from the Office for Human Resources Management and Development, Room 217, Administration Building or on the website: http://www.um.edu.mt/hrmd/vacancies.

13th June, 2008

UNIVERSITÀ TA' MALTA

Post ta-Ko-ordinatur fuq-Proġetti ta' Kostruzzjoni

Jintlaqgħu applikazzjonijiet għall-post *full-time* ta' Arkittet u Inġinier Ċivili bħala Ko-ordinatur fuq proġetti fid-Diviżjoni ta' l-*Estate and Works* biex jgħin lill-*Manager* ta' l-Estate fl-ippjanar u ko-ordinazzjoni tal-bini tal-proġetti.

Il-kandidat ideali jrid ikollu sehem importanti fir-rwol ta' Ko-ordinatur tal-Proġetti u jkun involut f'għadd ta' proġetti kbar. Min jintgħażel irid jimmaniġġa u jikkordina l-proġett kollu mill-ispezzjoni sa t-tlestija tal-proġett.

Min jingħażel jinħatar għal perjodu definitiv ta' tliet (3) snin bil-possibbiltà ta' tiġdid.

2. L-applikanti jrid ikollhom *warrant* li juri li jipprattikaw bħala Arkitett u Inġinier Ċivili u kif ukoll irid ikollhom tliet (3) snin prattika f'din il-professjoni. Irid ikollhom esperjenza f'xogħol simili, għandhom esperjenza fil-preparazzjoni ta' *briefs* u speċifikazzjoni ta' *tenders* għal tipi differenti tal-kuntratti ta' bini, u jkunu kapaċi li jaħdmu taħt pressjoni u li u jaħdmu taħt iż-żmien stipulat. L-applikanti jridu jkunu kapaċi fl-organizzazzjoni, u kapaċi jaħdmu fuq l-inizjattiva tagħhom bi ftit superviżjoni, u jkollhom l-abilità li issolvi b'mod proattiv il-problemi. Huwa meħtieġ li jkunu jafu tajjeb l-applikazzjoni tal-CAD u MS Office.

3. Is-salarju marbut ma' dan il-post huwa ta' €20,808 (Lm8,933) b'żidiet ta' €641 (Lm275) fis-sena sa massimu ta' €24,652 (Lm10,583).

4. Il-kandidati għandhom jibagħtu ittra ta' l-applikazzjoni, sitt kopji tal-*curriculum vitae*, kopja waħda taċ-ċertifikati u tliet ismijiet u indirizzi ta' *referees* lid-

UNIVERSITY OF MALTA

Post of Construction Projects Co-ordinator Estate & Works

Applications are invited for the post of fulltime Architect and Civil Engineer as Projects Co-ordinator in the Estate and Works Division to assist the Estate Manager in the planning and co-ordination of building projects.

The ideal candidate will play an important role as Projects Co-ordinator and will be involved with a number of major projects. S/he will be expected to manage and to co-ordinate the entire project from inception through to completion.

The successful applicant will be appointed for a definite period of three (3) years with the possibility of renewal.

2. Applicants should be in possession of a warrant to practise as Architect and Civil Engineer as well as three (3) years practice in their profession. They should have previous experience in a similar role, have previous experience in the preparation of development briefs and tender specifications for different types of building contracts, and have the ability to work under pressure and to set and work to deadlines. Applicants must have good organisational skills, an ability to work under own initiative with minimum supervision, and the ability to pro-actively solve problems. A good working knowledge of CAD and MS Office applications is also required.

3. The salary attached to the post is €20,808 (Lm8,933) rising by annual increments of €641 (Lm275) up to a maximum of €24,652 (Lm10,583).

4. Candidates should submit their letter of application, six copies of their curriculum vitae, one set of copies of their certificates and names and addresses of three referees to the:

Direttur għat-Tmexxija u l-Iżvilupp
tar-Riżorsi Umani
Kamru 217, Uffiċċji Amministrattivi
l-Università ta' Malta
Msida, MSD 2080

L-applikazzjonijiet jintlaqgħu mhux aktar tard minn nofsinhar tal-Ġimgħa, 27 ta' Ġunju 2008.

Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

5. Aktar tagħrif jista' jinkiseb mill-Uffiċċju għat-Tmexxija u l-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani, Kamra 217, Uffiċċji Amministrattivi u mill-*website*: http://www.um.edu.mt/hrmd/vacancies.

It-13 ta' Ġunju, 2008

Director for Human Resources
Management and Development
Room 217, Administration Building
University of Malta
Msida, MSD 2080

Applications should be received by not later than noon of Friday, 27th June 2008.

Late applications will not be considered.

5. Further information may be obtained from the Office for Human Resources Management and Development, Room 217, Administration Building or on the website: http://www.um.edu.mt/hrmd/vacancies.

13th June, 2008

UNIVERSITA' TA' MALTA

Post *Part-Time* ta' *Site Supervisor*

L-*Estate and Works* irid jimpjega *part-time Site Supervisor* biex jgħinu lill-Manager ta' l-*Estate* u l-*istaff* tekniku fil-koordinazzjoni u l-organizzazzjoni tax-xogħlijiet tas-siti.

Min jinħatar irid jaħdem sigħat flessibbli u barra s-sigħat normali mhux aktar minn 30 siegħa fil-ġimgħa. Il-ġurnata tax-xogħol se tkun bejn is-7.30 a.m. u s-2.00 p.m. Irid jaf tajjeb il-ħiliet, snajja' u teknoloġija moderni fil-bini li qegħdin ikunu użati issa fl-industrija lokali tal-kostruzzjoni.

2. L-applikanti jrid ikollhom esperjenza f'xogħol simili u relevanti ta' l-anqas ħames snin. Iridu jkunu kapaċi li jinterpretaw id-disinn kemm dak li għandu x'jaqsam ma' l-arkittetura u kif ukoll dak strutturali. Irid ikunu kapaċi juru li jaħdmu ma' l-oħrajn u li għandhom ħiliet tajba ta' komunikazzjoni. Iridu jaħdmu barra l-ħin normali, sigħat flessibbli u jaħdmu fuq l-inizjattiva tagħhom.

3. Is-salarju marbut ma' dan il-post huwa ta' €17,077 (Lm7,331) b'żidiet ta' €487 (Lm209.07) fis-sena sa massima ta' €19,998 (Lm8,585). Is-salarju ta' ħatra *part-time* jiġi stabbilit fuq bażi pro-rata.

4. Il-kandidati għandhom jibagħtu ittra ta' l-applikazzjoni, sitt kopji tal-*curriculum vitae*, kopja waħda taċ-ċertifikati u tliet ismijiet u indirizzi ta' *referees* lid-

Direttur għat-Tmexxija u l-Iżvilupp
tar-Riżorsi Umani
Kamru 217, Uffiċċji Amministrattivi
l-Università ta' Malta
Msida, MSD 2080

UNIVERSITY OF MALTA

Part-Time Post of Site Supervisor

The Estates and Works Office seeks to employ a part time Site Supervisor to assist the Estates Manager and his technical staff in the co-ordination and organisation of site works.

The successful applicant may be required to work flexible hours and outside normal working hours although not more than 30 hours a week. The normal working day will be between 7.30 a.m. to 2.00 p.m. He/she is expected to possess a strong understanding of the skills, trades and modern building technologies currently employed in the local construction industry.

2. Applicants should have a minimum 5 years relevant work experience in a similar role. They should be able to interpret architectural and structural drawings. They should demonstrate that they can be a team player and possess good interpersonal communication skills. They must be willing to work outside normal working hours, flexible hours and able to work on his/her own initiative.

3. The salary attached to the post is €17,077 (Lm7,331) rising by annual increments of €487 (Lm209.07) up to a maximum of €19,998 (Lm8,585). The salary of a part-time will be on a pro-rata basis.

4.Candidates should submit their letter of application, six copies of their curriculum vitae, one set of copies of their certificates and names and addresses of three referees to the:

Director for Human Resources Management
and Development
Room 217, Administration Building
University of Malta
Msida, MSD 2080

L-applikazzjonijiet jintlaqgħu mhux aktar tard minn nofsinhar tal-Ġimgħa, 27 ta' Ġunju 2008.

Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

5. Aktar tagħrif jista' jinkiseb mill-Uffiċċju għat-Tmexxija u l-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani, Kamra 217, Uffiċċji Amministrattivi u mill-website: http://www.um.edu.mt/hrmd/vacancies.

It-13 ta' Ġunju, 2008

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA

Post fl-Inġinerija tal-Komunikazzjoni u l-*Computers*
Dipartiment ta' l-Inġinerija tal-Komunikazzjoni
u l-*Computers*
Fakultà tat-Teknoloġija ta' l-Informazzjoni
u l-Komunikazzjoni

Min jinħatar ikun mistenni jikkontribwixxi fit-tagħlim, riċerka u attivitajiet oħra fid-Dipartiment ta' l-Inġinerija tal-Komunikazzjoni u l-*Computers* fil-Fakultà tat-Teknoloġija ta' l-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni u kif ikun meħtieġ mill-Università.

Il-qasam ta' l-ispeċjalizzazzjoni meħtieġ hu wieħed minn dawn:
Wireless Communication Systems
Signal Processing for Communication Systems

2. Il-kandidati jridikollhom *first degree* fil-*Communication Systems Engineering* jew dixxiplina relatata. Preferenza tingħata lill-kandidati li għandhom, jew li ħa jiksbu, *degree* relevanti fil-*PhD* jew *Masters* jew ekwivalenti.

3. Il-ħatra tista' ssir fil-grad ta' Professur Assoċjat, Lettur Anzjan jew Lettur, jekk il-kandidati jissodisfaw ir-rekwiżiti statutorji għall-ħatra f'dawn il-gradi. Madanakollu, ħatra fil-grad ta' Assistent Lettur tista' tiġi offruta bil-kundizzjoni li l-kandidat iġib id-*degree* fil-Ph.D. jew D.Phil fi żmien stipulat.

Is-salarji marbuta mal-gradi rispettivi huma:

Professur Assoċjat €29,168 (Lm12,522)
Lettur Anzjan €26,457 (Lm11,358)
Lettur €21,449 (Lm9,208) li jiżdied b'*increments* ta' €641 (Lm275) fis-sena għal €23,371 (Lm10,033).
Assistent Lettur €20,044 (Lm8,605) li jiżdied b'*increments* ta' €596 (Lm256) fis-sena għal €21,833 (Lm9,373).

4. Il-kandidati għandhom jibagħtu ittra ta' l-applikazzjoni, sitt kopji tal-*curriculum vitae*, kopja waħda taċ-ċertifikati u tlett ismijiet u indirizzi ta' *referees* lid:-

Applications should be received by not later than noon of Friday, 27th June 2008.

Late applications will not be considered.

5. Further information may be obtained from the Office for Human Resources Management and Development, Room 217, Administration Building or on the website: http://www.um.edu.mt/hrmd/vacancies.

13th June, 2008

UNIVERSITY OF MALTA

Post in Communications Engineering
Department of Communications
and Computer Engineering
Faculty of Information
and Communication Technology

The appointee will be expected to participate in the teaching, research and other activities of the Department of Communications and Computer Engineering in the Faculty of Information and Communication Technology and fulfil other duties as may be required by the University.

The required areas of specialisation are in one or more of the following:
Wireless Communication Systems;
Signal Processing for Communication Systems

2. Candidates should possess a good first degree in Communication Systems Engineering or a related discipline. Preference will be given to candidates who are in possession of, or who are about to obtain, a relevant PhD or Masters Degree or equivalent.

3. An appointment may be made at one of the grades of Associate Professor, Senior Lecturer or Lecturer, if there are applicants who satisfy the statutory requirements for appointment at these grades. However an appointment at Assistant Lecturer grade may also be offered on the condition that the appointee completes a Ph.D. or D.Phil degree within a stipulated period.

The salaries for the respective posts are as follows:

Associate Professor €29,168 (Lm12,522)
Senior Lecturer €26,457 (Lm11,358)
Lecturer €21,449 (Lm9,208) rising by annual increments of €641 (Lm275) to €23,371 (Lm10,033)
Assistant Lecturer with Masters €20,044 (Lm8,605) rising by annual increments of €596 (Lm256) to €21,833 (Lm9,373).

4. Candidates should submit their letter of application, six copies of their curriculum vitae, one set of copies of their certificates and names and addresses of three referees to:-

Direttur għat-Tmexxija u l-Iżvilupp
tar-Riżorsi Umani
Kamra 217, Uffiċċji Amministrattivi
l-Università ta' Malta
Msida, MSD 2080

L-applikazzjonijiet jintlaqgħu mhux aktar tard minn nofsinhar tal-Ġimgħa, is-27 ta' Ġunju 2008.

Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

5. Aktar tagħrif jista' jinkiseb mill-Uffiċċju għat-Tmexxija u l-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani, Kamra 217, Uffiċċji Amministrattivi u mill-*website*: http://www.um.edu.mt/hrmd/vacancies

It-13 ta' Ġunju, 2008

KUNSILL MALTI GĦALL-ISPORT

Post ta' *Sports Leaders* u *Coaches*

Il-Kunsill Malti għall-Isport jeħtieġ is-servizz ta' numru ta' *Sports Leaders* u *Coaches* għall-programmi tas-Sajf 2008. Dawn il-programmi ta' attivitajiet sportivi se jsiru bejn Lulju u Settembru 2008. Kull *Sports Leader* u *Coach* huwa maħsub li jaħdem fuq bażi *part-time* ta' mhux aktar minn għoxrin siegħa fil-ġimgħa.

Huwa eliġibbli li japplikaw persuni li għandhom *degree* Universitarju fl-Edukazzjoni Fiżika jew ikkwalifikati f'xi dixxiplina sportiva jew għandhom ċertifikat rikonoxxut fit-tagħlim ta' l-Għawm.

Persuni interessati għandhom japplikaw u jibagħtu *CV* iddettaljata indirizzata lill-Kap Eżekuttiv, Kunsill Malti għall-Isport, Kumpless Sportiv Kottonera, Bormla, sa mhux aktar tard minn nhar il-Ġimgħa, is-27 ta' Ġunju 2008. Aktar dettalji jinkisbu mit-Taqsima Programmi - Kunsill Malti għall-Isport, Kumpless Sportiv Kottonera, Numru tat-Telefon: 21660658/9, Numru tal-*Fax:* 21660652, *email:* programmes@sportmalta.org.mt.

It-13 ta' Ġunju, 2008

MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI

Riżultati ta' l-Intervista għall-Pożizzjoni ta' *Enrolled Nurse* fid-Diviżjoni tas-Saħħa fi ħdan il-Ministeru għall-Politika Soċjali

Id-Direttur Ġenerali *(Resources* u *Support)* jgħarraf illi wieħed jista' jara r-riżultat ta' l-intervista għall-pożizzjoni msemmija hawn fuq fin-*notice-board* prinċipali fid-Diviżjoni tas-Saħħa, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, u fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

It-13 ta' Ġunju, 2008

Director for Human Resources Management
and Development
Room 217, Administration Building
University of Malta
Msida, MSD 2080

Applications should be received by not later than noon of Friday, 27th June 2008.

Late applications will not be considered.

5. Further information may be obtained from the Office for Human Resources Management and Development, Room 217, Administration Building or on the website: http://www.um.edu.mt/hrmd/vacancies.

13th June, 2008

KUNSILL MALTI GĦALL-ISPORT

Post of Sports Leaders and Coaches

The Kunsill Malti għall-Isport requires the services of a number of Sports Leaders and Coaches for its Summer 2008 programmes. These sport programmes will be held between July and September 2008. Each Sports Leader and Coach is expected to work on part-time basis, a maximum of twenty hours per week.

Eligible applicants should be in possession of a University Degree in Physical Education or hold a recognized qualification in a sport discipline or have a recognized Certificate in Teaching Swimming.

Interested persons are to apply and send a detailed CV addressed to the Chief Executive Officer, Kunsill Malti għall-Isport, Cottonera Sports Complex, Cospicua, by not later than Friday, 27th June 2008. More details may be obtained from the Programmes Section, Kunsill Malti għall-Isport, Cottonera Sports Complex, Telephone No.: 21660658/9, Fax No.: 21660652, email: programmes@sportsmalta.org.mt.

13th June, 2008

MINISTRY FOR SOCIAL POLICY

Result of Interview for the Position of Enrolled Nurse in the Health Division in the Ministry for Social Policy

The Director General (Resources and Support) notifies that the result of the interview for the above-mentioned position may be viewed on the main notice-board in the Health Division, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, and on the notice-board of the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

13th June, 2008

MINISTERU GĦAL GĦAWDEX

Riżultat għall-Postijiet ta' *Departmental Nursing Manager* fid-Dipartiment tal-*Customer Services* (Sptar Ġenerali ta' Għawdex), Ministeru għal Għawdex

Id-Direttur tal-*Customer Services* jgħarraf illi wieħed jista' jara r-riżultat għall-postijiet imsemmija hawn fuq fin-*notice-board* tal-Ministeru għal Għawdex, Pjazza San Franġisk, ir-Rabat, Għawdex u fuq in-*notice-board* tal-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

It-13 ta' Ġunju, 2008

MINISTRY FOR GOZO

Result for the Posts of Departmental Nursing Manager in the Department of Customer Services (Gozo General Hospital), Ministry for Gozo

The Director Customer Services notifies that the result for the abovementioned posts can be viewed on the notice-board of the Ministry for Gozo, St Francis Square, Victoria, Gozo and on the notice-board at the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

13th June, 2008

DIPARTIMENT TA' L-EŻAMIJIET

Eżamijiet għall-Ħruġ ta' Liċenzi ta' *Engine Driver* fuq l-Art – Mejju 2008

Id-Direttur ta' l-Eżamijiet jgħarraf li l-avviż ta' l-eżami msemmi hawn fuq intbagħat lill-kandidati konċernati.

Dawk l-applikanti li ma rċevewx l-avviż ta' l-eżami huma mitluba biex jikkuntattjaw minnufih lid-Dipartiment ta' l-Eżamijiet, il-Furjana fuq in-numru tat-telefon 25982216

It-13 ta' Ġunju, 2008

DEPARTMENT OF EXAMINATIONS

Examinations for the Issue of Engine Driver Licences (Land) – May 2008

The Director of Examinations notifies that the notice of the above mentioned examination has been sent to the candidates concerned.

Those applicants who have not received the notice of the examination are advised to contact immediately the Department of Examinations, Floriana on telephone number 25982216.

13th June, 2008

FORZI ARMATI TA' MALTA

Il-Forzi Armati ta' Malta se jwettqu programm ta' sparar attiv minn Pembroke *Ranges* matul ix-xahar ta' Lulju 2008 fid-dati u l-ħinijiet indikati hawn taħt:-

Mit-Tlieta, l-1 ta' Lulju sal-Ġimgħa, l-4 ta' Lulju, 2008 bejn is-7.00 a.m. u s-1.30 p.m.

Mit-Tnejn, is-7 ta' Lulju sal-Ġimgħa, il-11 ta' Lulju, 2008 bejn is-7.00 a.m. u s-1.30 p.m.

Mit-Tnejn, l-14 ta' Lulju sal-Ġimgħa, it-18 ta' Lulju, 2008 bejn is-7.00 a.m. u s-1.30 p.m.

